# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR LYDON ZAMMIT, SPETTUR DARREN BUHAGIAR) V. SEAN GRECH (KI. 81790M)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**24/04/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

1. Talli fil-5 ta' Jannar 2023 ġewwa l-gzejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr Monica Vella LL. D fid-digriet tagħha tat-23 ta' Novembru 2021 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr Audrey Demicoli LL. D fid-digriet tagħha tat-26 ta' Gunju 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi kont qed jsuq il- vettura bil- mutur bi numru ta- registrazzjoni IQZ 804 mingħajr ma kellek licenzja tas- sewqan mahruga mill- Awtorita ta' Transport ta' Malta.

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi. soqt l- imsemmija vettura bil- mutur bi numru ta- registrazzjoni IQZ 804 mingħajr ma kont kopert b'polza dwar ir-riskji ghat- terzi persuni.

5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruħu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Ghaldaqstant, fil-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u kif ukoll tarresta lill-imputat mill-ġdid.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023 il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex isiru s-segwenti emendi fiċ-ċitazzjoni u ċioe:

- Fl-ewwel imputazzjoni minflok il-kliem "il-Gżejjer Maltin" jiddaħħlu l-kliem "għall-ħabta ta' 22:45 hrs ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara u/jew ġewwa diversi inħawi f'dawn il-Gżejjer";
- Tiddaħħal s-segwenti imputazzjoni ġdida qabel it-tielet waħda u tieħu n-numru tagħha: "talli fil-5 ta' Jannar 2023 għal ħabta ta' 22:45 hrs ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara kont qed issuq vettura bil-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ 804 f'perjodu li kellek il-liċenzja skwalifikata permezz ta' sentenza li ngħatat mill-Maġistrat Dr. Victor Axiak LL.D. fl-14 ta' Ġunju 2022";
- L-imputazzjonijiet numru 3, 4 u 5 jiġu enumerati mill-ġdid bħala 4, 5 u 6

Rat li ġiet esebita kopja ġdida taċ-ċitazzjoni kif korretta li ġiet notifikat lill-imputat waqt l-istess seduta tal-31 ta' Jannar 2023:

1. Talli fil-5 ta' Jannar 2023 għal ħabta ta' 22:45 Hrs ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara u / jew ġewwa diversi nħawi f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr Monica Vella LL. D fid-digriet tagħha tat-23 ta' Novembru 2021 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-Maġistrat Dr Audrey Demicoli

LL. D fid-digriet tagħha tat-26 ta' Gunju 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet.

3. Talli fil-5 ta' Jannar 2023 għal ħabta ta' 22:45 Hrs ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara kont qed isuq il-veuutra bil-mutur bi numru ta' reġistrazzjoni IQZ 804 f'perjodu li kellek il-licenzja diskwalifikata permezz ta' sentenza li ngahtat mill-Magistrat Dr Victor Axiak LL.D. fl-14 ta' Gunju 2022.

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi kont qed jsuq il- vettura bil- mutur bi numru ta- registrazzjoni IQZ 804 mingħajr ma kellek licenzja tas- sewqan mahruga mill- Awtorita ta' Transport ta' Malta.

5. Talli fl-istess data, ħin, lok u cirkostanzi, soqt l- imsemmija vettura bil- mutur bi numru ta- registrazzjoni IQZ 804 mingħajr ma kont kopert b'polza dwar ir-riskji ghat- terzi persuni.

6. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u cirkustanzi irrenda ruħu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa (Deputat Reġistratur), Spettur Lydon Zammit, Spettur Darren Buhagiar, Surgent 333 Daniel Vassallo, PC 1507 Ian Borg, Karen Cremona (affidavit), Luke Zerafa, Tyson Grech, Spettur Helenio Galea u Lisa Bonaci.

Rat li fis-seduta tal-24 ta' April 2013 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u tatù ċans biżżejjed sabiex jerġa jaħsibha.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Wara s-smiegħ ta diversi xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u wara li anke xehdu xi xhieda prodotti mid-Difiża, fis-seduta tas-17 ta' April 2023 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih. Fir-rigward tal-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li ssottomettew il-Prosekuzzjoni u d-Difiża fit-trattazzjoni tagħhom kif ukoll in-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputat u l-istadju ta' meta ġie rreġistrata l-ammissjoni.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti  wara li rat l-artikoli tal-liġi ċioe l-Art. 49, 50 u 579(2) tal-Kap. 9, l-Art. 15(1)(a) u 59 tal-Kap. 65 u l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjoni kollha miġjuba kontrih fuq ammissjoni tiegħu stess u għaldaqstant qed tikkundannah għal piena karċerarja ta' sitt (6) xhur. Fir-rigward tal-Art. 50 tal-Kap. 9 il-Qorti tagħżel li ma tapplikax żieda fil-piena. Il-Qorti tordna l-konfiska tal-ammont ta' € 150 mill-ammont ta' € 3,000 stabbilit bħala garanzija personali fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest imsemmi fl-ewwel imputazzjoni u l-ammont ta € 150 li ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qrati Kriminali u Tribunali kif stabbilit fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest imsemmi fit-tieni imputazzjoni. Finalment b'żieda mal-piena l-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-liġi (Art. 15(3) tal-Kap. 65 u Art. 3(2A) tal-Kap. 104) billi tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tlettax-il xahar.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |